# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar it-Tnejn 27 ta' Gunju 2016**

**Rikors Numru : 368/2016 JPG**
**Kawza Numru : 26**

**AVUKAT DOTTOR CARINA VASSALLO [ID: 198489M] BĦALA MANDATARJU SPEĊJALI TAS-SOĊJETÁ ESTERA LUKOIL MARINE LUBRICANTS DMCC**

**-VS-**

**IL-VAPUR "MV KOVDOR" [IMO NO. 9459383] IRREĠISTRAT TAĦT IL-BANDIERA TAL-MARSHALL ISLANDS**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta' l-Avukat Dottor Carina Vassallo [ID: 198489M] fil-kwalitá tagħha bħala mandatarju specjali tas-socjetá estera Lukoil Marine Lubricants DMCC, tad-9 ta' Mejju 2016 jaqra hekk:

1. *"ILLI l-esponenti ingħatat prokura specjali mis-socjetá estera Lukoil Marine Lubricants DMCC datata 13 ta' April, 2016 sabiex taġixxi f'isimha f'dawn il-proceduri, kopja ta' liema prokura hija annessa u mmarkata bħala* ***Dok. A****;*

2. *ILLI s-socjetá Lukoil Marine Lubricants DMCC hija socjetá rreġistrata t'Dubai, fl-Emurati Uniti Gharbin, u li apparti li hija kumpanija ewlenija fil-qasam għat-tiftix taż-żejt, topera wkoll billi tforni l-vapuri u bcejjec oħra tal-baħar bi prodotti ta' żejt u 'marine lubricants';*

3. *ILLI r-rikorrent ipprovda prodotti ta' din ix-xorti lil vapur MV KOVDOR, liema vapur iġib in-numru ta' l-International Maritime Organisation Numru 9459383, għandu tunnellaġġ ta' 22,402 tunnellata, u għandu l-Call Sign V7UY2; u liema prodotti kellhom il-valur ta' tmienja u hamsin elf, mija u tnejn u għoxrin Dollaru Amerikan u sebghin-il centezmu ($58,122.70), illum ekwivalenti għal wiehed u hamsin elf, ħames mija u tmienja u disghin Euro u tnejn u disghin Eurocenteżmi (€51,598.92) – u dana bħalma jirriżulta mit-tliet fatturi annessi u mmarkati bħala* ***Dok. B, Dok. C u Dok. D.****;*

4. *ILLI l-ħlas fuq il-fatturi fuq imsemmija kellhom jiġu effetwati sat-13 ta' Marzu, 2016, sal-11 ta' Marzu, 2016 u sat- 18 ta' Frar 2016 rispettivament;*

5. *ILLI dan il-ħlas ma sarx, u l-vapur in kwistjoni baqa' moruż sal-lum;*

6. *ILLI permezz ta' Mandat ta' Arrest ta' Bcejjec tal-Baħar Nru. 611/2016, ippreżentat fil-21 ta' April, 2016, il-vapur intimat ġie mwaqqaf milli jitlaq mill-ibħra Maltin, u għadu hekk impedid sal-lum;*

7. *ILLI fil-fehma ta' l-esponenti dan id-dejn huwa cert, likwidu, u dovut, u l-vapur intimat ma għandu l-ebda eccezzjonijiet x'jagħti f'dan ir-rigward;*

8. *ILLI għaldaqstant jeżistu c-cirkostanzi kollha meħtieġa sabiex dawn il-proceduri jinstemgħu ai termini ta' l-Art. 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant u għar-raġunijiet suesposti, ir-rikorrenti jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Taqta' u tiddeciedi dina l-kawża bid-dispensa tas-smiegħ, ai termini ta' l-art. 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tiddikkjara illi l-vapur intimat huwa debitur tar-rikorrenti fl-ammont ta' tmienja u hamsin elf, mija u tnejn u għoxrin Dollaru Amerikan u sebghin-il centezmu ($58,122.70), illum ekwivalenti għal wiehed u hamsin elf, ħames mija u tmienja u disghin Euro u tnejn u disghin Eurocenteżmi (€51,598.92);*
3. *Tikkundanna lill-vapur intimat sabiex iħallas lir-rikorrenti s-somma msemmija;*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-Mandat ta' Arrest Nru. 611/2016, u bl-imgħaxijiet legali mit-13 ta' Marzu 2016, mil-11 ta' Marzu 2016 u mit-18 ta' Frar 2016 respettivament sal-ġurnata tal-pagament effettiv kontra l-vapur intimat illi huwa minn issa stess inġunt għas-subizzjoni."*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-vapur baqa' kontumaci u meta ssejhet il-kawza fl-udjenza tal-llum u fl-udjenza tas-16 ta' Gunju 2016, il-vapur intimat jew rapprezentant tieghu ma dehrux;

Rat illi fl-udjenza tas-16 ta' Gunju 2016, Dr. Jeanelle Cachia bil-gurament xhedet a fol 22 u kkonfermat illi ghandha s-setgha li tirraprezenta lis-socjeta rikorrenti u kkonfermat ukoll li s-somma ta' €51,598.92 mitluba fir-rikors promotur huwa dovut lis-socjeta rapprezentata minnha rapprezentanti l-valur ta' prodotti kkonsenjati minnha lill-bastiment intimat. Hija kkonfermat ukoll li ma kien sar l-ebda pagament u l-ammont mitlub ghadu kollu dovut, u kkonfermat illi l-ammont pretiz fir-rikors guramentat baqa' ma thallasx mill-vapur intimat;

Peress illi fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispenza tas-smiegh tal-kawza skond il-procedura tal-Artikolu 167 et. sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Rat l-Artikoli 167 et seq tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta'Malta;

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti rat illi minkejja li l-vapur intimati gie debitament notifikat, ebda rapprezentant tieghu ma deher quddiem din il-Qorti sabiex jirrispondi ghat-talbiet tar-rikorrenti nomine.

**Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors Promotur jirrizultaw ippruvati, taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi –**

Tilqa' t-talbiet tar-rikorrent nomine bid-dispenza tas-smiegh ai termini tal-Artikolu 167 et seq tal-Kapitolu 12;

Tiddikkjara illi l-vapur intimat huwa debitur tar-rikorrenti fl-ammont ta' tmienja u hamsin elf, mija u tnejn u għoxrin Dollaru Amerikan u sebghin-il centezmu ($58,122.70), illum ekwivalenti għal wiehed u hamsin elf, ħames mija u tmienja u disghin Euro u tnejn u disghin Euro centeżmi (€51,598.92), u;

Konsegwentement tikkundanna lill-istess vapur intimati sabiex ihallas is-somma ta' wiehed u hamsin elf, ħames mija u tmienja u disghin Euro u tnejn u disghin Euro centeżmi (€51,598.92) lir-rikorrenti nomine, bl-imghax legali dekorribbli mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat.

Bl-ispejjez kontra l-vapur intimat.

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**